**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 387/2023**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**-Vs-**

**SHERIDAN LEE GRECH**

**Illum, 9 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **SHERIDAN LEE GRECH (-*OMISSIS*-)** ta' 24 sena, iben Charmaine Grech, imwieled Fgura nhar is-6 ta' Jannar 1999. li jirrisjedi gewwa l-indirizz Ent D, Flat 6, Triq Hanover, Bormla, u detentur tal-karta ta ' l-identita 0058199M akkużat talli nhar il-20 ta' Mejju 2023 u fil-ġranet ta' qabel f'diversi ħinijiet u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:-

1. Ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u cioe' **Graziella Degabriele,** li tiġi wkoll omm it-tifla tieghu Anastasia Grech Degabriele, biża li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha;

2. Għamel inġurji jew tħeddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodiċi Kriminali lill-eks siehba tieghu u cioe' **Greaziella Degabriele** li tiġi omm it-tifla tiegħu u cioe' Anastasia Grech Degabriele jew, jekk kien ipprovokat. inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni

3. permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat. jew bil-hsieb li jġiegħel lill-eks sieħba tiegħu Graziella Degabriele, tagħmel xi ħaga jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih

4. u iktar talli kisser il-kundizzjonijiet tal-liberta' proviżorja impost mill-Qorti tal- Maġistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Elaine Mercieca, L.L.D. f'dan li ma jikkommetix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti

Il-Qorti hija mitluba f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi **Sheridan Lee Grech** u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' **10,000** (ghaxart'elef) Ewro bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta stipulat fl- Artikolu 579(2) (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

5. Barra minn dan, l- imputat **Sheridan Lee Grech** huwa akkużat talli rrenda ruħhu **recidiv** b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal- Magistrati Malta, liema sentenzi huma deffinitivi u ma jistghux jiġu mibdula ai termini ta' Artiklou 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi tordna lill-imsemmi Sheridan Lee Grech sabiex iħallas l- ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jekk ikun il-każ, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali fil-21 ta' Mejju 2023 a tenur tal-artiklu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali sabiex dan il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja;

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Mejju 2023 li permezz tiegħu ordnat għall-fini tal-artiklu 517 tal-Kodiċi Kriminali, li tkun ipprojibita l-pubblikazzjoni sa ma l-kawża tispiċċa ta' kull kitba, stampata jew le, tal-isem tal-imputat;

Semghet lill-Uffiċjal Prosekutur taqra l-akkużi u tikkonfermahom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li huwa ħati tal-akkużi;

Semgħet lill-imputat jikkonferma din l-ammissjoni tal-ħtija anke wara li hija wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, wara illi kkonċedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' ħtija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tiegħu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli.

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Mejju 2023 fejn laqgħat it-talba tad-difiża u ordnat li jinħatar Uffiċjal tal-Probation sabiex jitħejja rapport ta' qabel is-sentenza a tenur tal-artikolu 6(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-digriet tagħha wkoll mogħti fit-22 ta' Mejju 2023 fejn ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-imputat għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Graziella Degabriele a tenur tal-artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2023 ta' Ritianne Sultana Grech, l-Uffiċjal tal-Probation u rat ir-rapport ta' qabel is-sentenza ppreżentata minnha (Dok. DC1);

Rat illi l-kawża ġiet differita għat-13 ta' Settembru 2023 biex okkorrendo tixhed l-Uffiċjal tal-Probation in kontro-eżami;

Rat illi fit-13 ta' Settembru 2023 l-Uffiċjal tal-Probation ma dehritx u l-imputat f'kull każ ma kienx assistit legalment;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2023 u semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li mhijiex qiegħda tinsisti li tingħata piena karċerarja effettiva;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu u dan wara li ġew osservati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 392A tal-

Kap. 9, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tiegħu u kif minnu ammessi.

Għall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-gravita' tar-reati li qiegħda jinstab ħati tagħhom l-imputat, iżda wkoll il-fatt illi l-imputat għandu biss 24 sena u fedina penali kompletament netta, kif ukoll il-fatt illi huwa ammetta l-ħtija tiegħu bla rizerva fl-ewwel opportunita' meta deher quddiem il-Qorti.

Ħadet qies ukoll tal-kontenut tar-rapport ta' qabel is-sentenza u x-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation li minnhom il-Qorti fehmet illi l-imputat kien involut f'relazzjoni turbolenti ħafna mal-vittma Graziella Degabriele li magħha għandu wild minuri in komun, kif ukoll il-fatt illi fiż-żmien tar-reati huwa kien qed ibati minn problemi ta' saħħa mentali - xprunati mid-diffikolajiet fir-relazzjoni tiegħu mal-vittma. Kemm hu hekk, huwa pprova jweġġa' lilu nnifsu u kif jirriżulta minn dak li ġie rapportat mill-vittma fir-rapport tal-assessjar tar-riskju, fil-passat kien għamel tentattiv ta' suwiċidju. Ikkunsidrat ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom ġew kommessi r-reati fejn, kif stqarr waqt l-interrogazzjoni, l-imputat aġixxa fis-saħna tal-mument fejn kien qed iħossu aġitat, tradut u mweġġa' ħafna bl-imġieba ta' seħbitu, fejn kienet qiegħda tittantah, timpika miegħu u tipprovokah – fatt li ġie affermat mill-Uffiċjal Prosekutur innifisha li fis-sottomissjonijiet finali meta żvelat li Graziella Degabriele kienet qiegħda ċċempillu persistentement fil-preżenza tagħha u tirredikolah billi bagħtitlu immaġini tiegħu liebes l-arma tal-Pulizija, u dan meta kien mar jirrapporta fid-Depot tal-Pulizija bħala kundizzjoni għall-ħelsien mill-kustodja. Għalkemm dan ma jiġġustifikax l-aġir tal-imputat u l-provokazzjoni f'dan il-każ ma tistax titqies bħala fattur mitiganti tal-piena, il-Qorti ma tistax tinjora l-isfond taċ-ċirkostanzi li fihom l-imputat ġew kommessi r-reati addebitati lill-imputat. Ċirkostanzi li jkomplu jemerġu mill-istħarriġ li għamlet l-Uffiċjal tal-Probation, fejn il-Qorti fehmet illi l-imputat għandu wkoll diffikolta' biex jikkontrolla l-espressjoni tal-emozzjonijiet tiegħu u biex irażżan ir-rabja li jkun qed iħoss – xprunata mis-sitwazzjoni mqanqala tar-relazzjoni tiegħu mal-vittma - kif ukoll ta' użu ta' sustanzi illeċiti, senjatament kokaina.

Għall-Qorti dan ifisser li l-imputat għandu bżonn l-għajnuna biex jindirizza ul-imġieba negattiva tiegħu u biex jegħleb l-isfidi li qed jirriskontra fis-saħħa emozzjonali u psikoloġika tiegħu kif ukoll id-diffikoltajiet xprunati mill-vizzju tal-abbuż tad-droga, u żgur li f'dawn iċ-ċirkostanzi ma jkunx opportun li jingħata piena karċerarja – fil-fatt il-Prosekuzzjoni fis-sottomissjonijiet orali, iddikjarat li ma taqbilx li piena karċerarja tkun waħda xierqa f'dan il-każ.

Għaldaqstant, kollox magħdud, hija l-fehma tal-Qorti li s-sorveljanza tal-imputat minn uffiċjal tal-Probation u l-għoti mandatorju ta' trattament, hi neċessarja fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu billi jirċievi l-għajnuna psikoloġika li jeħtieġlu biex jindirizza b'mod strutturat l-isfida tan-nuqqas ta' kontroll tal-emozzjonijiet u rabja, kif ukoll l-għajnuna li hi neċessarja biex jegħleb il-vizzju tal-abbuż tad-droga, dan kollu bil-għan li jżomm 'il bogħod mill-kriminalita' u biex jingħata gwida fid-direzzjoni ta' ħajja stabbli u pożittiva. Hija sodisfatta wkoll li din l-ordni hija mixtieqa wkoll biex jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħati, il-ħruġ ta' Ordni ta' Probation ikun adatt.

Madanakollu, billi Ordni ta' Probation ma jistax jingħata meta r-reat li dwaru tkun instabet ħtija, huwa wieħed punibbli biss b'multa jew ammenda, fost kriterji oħrajn, l-imputat ma jistax jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation u għandha tiġi inflitta l-piena skont il-liġi.

Barra minn hekk, l-imputat ammetta wkoll il-ħtija tiegħu għar-reat taħt l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 ċioe' li kiser xi kundizzjoni tal-ħelsien mill-arrest mogħti lilu b'digriet mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta fid-29 ta' Diċembru 2022. Għar-raġunijiet gia' msemmija l-Qorti tqis illi għalkemm il-konfiska ta' xi parti mill-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, filwaqt li hi mandatorja, għandha tkun fil-minimum u fiċ-ċirkostanzi, it-talba għar-riarrest tal-imputat ma għandhiex tintlaqa'.

**Għal dawn il-motivi kollha, wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 251B, 251H(a), 251HA, 202(h)(v), 339(1)(e) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lil SHERIDAN LEE GRECH ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Probation għal żmien sentejn, filwaqt li għall-fini tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundannah multa ta' erba' mitt Euro (€400).**

**Għall-fini tal-artiklu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tas-somma ta' ħames mitt Euro (€500) mill-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija fid-digriet tad-29 ta' Diċembru 2022.**

**Għall-fini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu li ma jimmolestax lil Graziella Degabriele taħt penali ta' elfejn Euro (€2,000), għal żmien tnax-il xahar.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni tal-Probation u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali u l-ħati esprima r-rieda tiegħu li jikkonforma mal-ħtiġiet ta' dik l-Ordni.**

**Tordna l-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati a tenur tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien sentejn biex jingħata trattament psikoloġiku sabiex jindirizza problemi emottivi u ta' nuqqas ta' kontroll tar-rabja, u kull trattament ieħor li jeħtieġ li jingħata biex jegħleb il-vizzju tal-abbuż tad-droga.**

**Billi ma jirriżultax li ġew nominati esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni tal-Probation jintbagħtu:-**

**(i) lid-Direttur tad-Dipartiment tas-Servizzi tal-Probation u Parole għall-fini tal-artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll**

**(ii) lir-Reġsitratur tal-Qorti għall-fini tal-konfiska taħt l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**